

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Il-pubblikazzjoni Ta' Avviżi Uffiċjali > Slovenia

Il-pubblikazzjoni ta' avviżi uffiċjali

Il-kontenut ipprovdut
minn
Slovenja

Slovenja



Fuq liema sit(i) web jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

- L-avviżi uffiċjali jiġu ppubblikati fuq il-paġni web ta' *Uradni List Republike Slovenije* (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tas-Slovenja), il-paġni web uffiċjali tal-qrati Sloveni u fuq il-portal tas-subbasti.

Uradni List jista' jiġi aċċessat minn: <https://www.uradni-list.si/>.

Il-leġiżlazzjoni u t-trattati internazzjonali jiġu ppubblikati f'forma elettronika u stampata. Jista' jsir tiftix fil-leġiżlazzjoni u t-trattati internazzjonali lura sal-25 ta' Ġunju 1991. Il-forma elettronika ilha uffiċjali mill-1 ta' April 2010. L-avviżi ġew ippubblikati f'forma stampata sal-31 ta' Diċembru 2006. Minn dak iż-żmien dawn saru disponibbli f'forma elettronika biss. Il-forma elettronika tal-avviżi ilha uffiċjali mill-1 ta' Jannar 2006. Jista' jsir tiftix fl-avviżi lura sal-2011.

- Il-paġni web uffiċjali tal-qrati Sloveni u tal-portal tas-subbasti huma disponibbli minn: <https://sodisce.si/> (il-paġni web uffiċjali tal-qrati Sloveni)

Liema tipi ta' avviżi jiġu ppubblikati?

- Il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni li ġejjin jiġu ppubblikati f'*Uradni List*: il-Kostituzzjoni, atti u leġiżlazzjoni oħra mgħoddija mill-Assemblea Nazzjonali (*Državni zbor*); trattati internazzjonali ratifikati u avviżi tal-bidu u tat-tmien tal-validità tagħhom; leġiżlazzjoni mgħoddija mill-Kunsill Nazzjonali (*Državni svet*); leġiżlazzjoni ppromulgata mill-President tar-Repubblika; deċiżjonijiet u deċiżjonijiet amministrattivi tal-Qorti Kostituzzjonali; regoli u leġiżlazzjoni oħra adottati mill-Gvern jew mill-ministri (meta dan ikun previst mil-liġi) u leġiżlazzjoni adottata minn kapijiet ta' korpi marbuta ma' ministeri; atti leġiżlattivi ġenerali għall-eżerċitar ta' setgħat pubbliċi; regoli u statuti oħrajn fejn id-dokument ta' tmexxija ta' awtorità lokali jirrikjedi hekk; leġiżlazzjoni oħra li se tiġi ppubblikata f'ġurnal uffiċjali bil-liġi jew taħt biċċa leġiżlazzjoni speċifika.

Ippubblikati wkoll f'*Uradni List* hemm il-proċeduri pubbliċi ta' sejħa għal offerti, il-pożizzjonijiet vakanti, id-deċiżjonijiet amministrattivi tal-qorti, l-ordnijiet ta' kanċellament u pubblikazzjonijiet oħrajn li jridu jiġu ppubblikati hemm f'konformità mal-liġi jew ma' regolament speċifiku.

- Dawn li ġejjin jiġu ppubblikati fuq il-paġni web uffiċjali tal-qrati Sloveni u fuq il-portal tas-subbasti:
 - listi (skedi) ta' seduti ewlenin fil-qrati Sloveni kollha
 - reġistru ta' azzjonijiet ta' rimedju kollettiv
 - notifika sostitwita
 - notifiki tar-reġistru tal-artijiet
 - proċedimenti dwar is-suċċessjoni
 - notifiki fuq l-avviżieri tal-qorti
 - sejħiet għal applikazzjonijiet u pożizzjonijiet vakanti
 - avviżi oħrajn
 - dati tal-irkant
 - avviżi uffiċjali dwar l-akkwist tal-prodotti u s-servizzi

Minn liema organizzazzjoni(jiet) jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

- Il-korpi li ġejjin jipubblikaw f'*Uradni List*: L-Assemblea Nazzjonali, il-Kunsill Nazzjonali, il-President, il-Gvern, il-Qorti Kostituzzjonali, il-Qorti Suprema, il-Bank tas-Slovenja, il-Kunsill Ġudizzjarju, Il-Kummissjoni Elettorali tal-Istat, korpi u organizzazzjonijiet tal-Istat, awtoritajiet lokali u qrati oħrajn.
- Il-qrati Sloveni jipubblikaw l-avviżi tagħhom fuq il-paġni web uffiċjali tagħhom u fuq il-portal tas-subbasta.

Il-pubblikazzjoni ta' avviżi uffiċjali hija bla ħlas?

- Il-pubblikazzjonijiet ta' avviżi f'*Uradni List* huma soġġetti għal pagament f'konformità mal-lista ta' prezzijiet (<https://www.uradni-list.si/glasilo-uradni-list-rs/glasilo-uradni-list-rs/cenik-objav>) imħejjija mill-kumpanija Uradni List u approvata mill-Gvern.
- Il-pubblikazzjoni fuq il-paġni web uffiċjali tal-qrati Sloveni u fuq il-portal tas-subbasta hija bla ħlas.

X'tipi ta' tiftixiet jistgħu jsiru?

- Fis-sit web ta' *Uradni List* jistgħu jsiru tiftixiet bit-titolu, bin-numru, bil-kategorija, bl-għerq tal-kelma u bid-data jew bil-perjodu tal-pubblikazzjoni tad-dokument.
- Is-siti web sodisce.si u sodnedrazbe.si għandhom żewġ għażliet ta' tiftix: sempliċi u avanzat. Din tal-aħħar tippermetti lill-utent ifttx skont oqsma differenti u juża l-operaturi "U", "JEW" u "LE".

Minn liema data kienu disponibbli l-avviżi uffiċjali fil-format elettroniku?

- *Uradni List* - Leġiżlazzjoni u Trattati Internazzjonali (*Uredbeni del in mednarodne pogodbe*) ilha online mill-25 ta' Ġunju 1991. Il-magna tat-tiftix tal-avviżi ilha attiva mill-2011.
- L-avviżi ġew ippubblikati fuq sodisce.si (kif deskritt hawn fuq) mill-2010.

It-tiftixiet jistgħu jiġu ssejvjati u jistgħu jintbagħtu notifikati meta jiġu ssodisfati l-kriterji?

- Il-kumpanija Uradni List toffri servizz imsejjaħ *UL Info Tok* li jippermetti lill-utenti jirċievu twissijiet li hemm kontenut ġdid.
- Is-siti web sodisce.si u sodnedrazbe.si jippermettu l-monitoraġġ ta' parametri ta' tiftix permezz tal-RSS feeds li jipprovdu notifikati ta' kontenut ġdid tal-web li jaqbel mal-kriterji tat-tiftix magħżula minn qabel.

L-avviżi uffiċjali huma disponibbli bla ħlas, bħala *data* miftuħa? Jekk dan huwa l-każ, fejn tista' tinstab l-informazzjoni tar-reġistru u/jew dik teknika?

- Il-kontenut kollu ppubblikat f'*Uradni List* huwa disponibbli bla ħlas fl-arkivju tas-sit web, li jmur lura għall-1991.
- Le, l-avviżi uffiċjali fuq sodisce.si u sodnedrazbe.si ma humiex disponibbli bħala *data* miftuħa.

L-aħħar aġġornament: 31/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.